euaa
EUROPEAN UNION
AGENCY FOR ASYLUM

# Rapport dwar l-Ażil 2022

## Sommarju Eżekuttiv



Sommarju Eżekuttiv

2022

© Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2022

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Ritratt tal-qoxra: iStock/Kostas7

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

PDF ISBN 978-92-9487-451-1 doi: 10.2847/533279 BZ-AH-22-001-MT-N ISSN 2600-3198

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, jeħtieġ li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

# Rapport dwar l-Ażil 2022

# Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni Ewropea

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

# Daħla

L-iżviluppi politiċi fl-2021 u fil-bidu tal-2022 kellhom impatt dirett fuq il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali, li xprunaw mewġ ta' spostament lejn il-pajjiżi tal-UE+. Iż-żieda fil-poter tat-Taliban fl-Afganistan u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna ħolqu ħtiġijiet ġodda ta' protezzjoni u kkontribwew għan-numru li dejjem qed jiżdied ta' applikanti għall-ażil fl-Ewropa. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ta' wara l-COVID-19 biż-żieda fin-numri tal-applikanti għall-ażil ippreżentat sfidi ġodda li kienu jeħtieġu soluzzjonijiet dinamiċi biex tinżamm l-integrità tal-unika sistema tal-ażil multinazzjonali fid-dinja – is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Dawn l-avvenimenti jservu bħala tfakkira qawwija ta' kemm jistgħu jinbidlu malajr ix-xejriet fil-migrazzjoni u fl-ażil.




F'dan l-isfond, ir-Rapport dwar l-Ażil 2022 jenfasizza kif ġew ittestjati t-tħejjija u l-flessibbiltà tas-sistemi nazzjonali tal-ażil u ta' akkoljenza biex tkompli tiġi pprovduta protezzjoni lil dawk fil-bżonn. Bosta amministrazzjonijiet iffaċċjaw pressjoni tremenda b'influssi kbar ta' wasliet, filwaqt li komplew jiċċirkumnavigaw ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 li kienu għaddejin. Ir-rapport juri fejn hemm konverġenza fl-implimentazzjoni tas-SEKA, iżda ma joqgħodx lura milli jsemmi d-diverġenzi li għadhom għaddejjin u fejn jista' jsir aktar titjib.

Ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ażil tista' tikber biss hekk kif isir progress lejn l-adozzjoni tal-istrumenti legali tal-Patt tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Barra minn hekk, b'mandat imsaħħaħ minn Jannar 2022, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) għandha rwol ewlieni fil-kalibrazzjoni ulterjuri tas-SEKA u fl-appoġġ attiv lill-Istati Membri. Iżda huwa importanti li jiġu mismugħa wkoll l-ilħna ta' dawk li qiegħdin fil-linji ta' quddiem. Dan huwa fejn ir-Rapport dwar l-Ażil iservi bħala riżorsa siewja li ssemmi aktar minn 1,500 sors affidabbli, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-akkademiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jipprovdi l-aktar aġġornament komprensiv tas-sitwazzjoni fil-qasam tal-ażil fl-Ewropa.

Bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert dwar l-ażil fl-Ewropa u mill-fondazzjoni tagħha 11-il sena ilu, l-Aġenzija għaqqdet lill-pajjiżi tal-UE+ fl-iskambju ta' informazzjoni, fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, fit-titjib tal-kwalità u fl-armonizzazzjoni tal-prattiki. Hija ħaġa żgura li d-domanda għall-appoġġ tal-Aġenzija se tibqa' tikber u aħna lesti li nkomplu naħdmu mas-sħab tagħna u nissodisfaw il-mandat imsaħħaħ tagħna fis-snin li ġejjin.



Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil

# Werrej


Daħla ... 5

Introduzzjoni ... 7

1. L-iżviluppi globali fil-qasam tal-ażil ... 7

2. Żviluppi maġġuri fl-ażil fl-Unjoni Ewropea ... 8

3. Tranżizzjoni tal-EASO għall-EUAA ... 11

4. Funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ... 12
   - Fil-fokus 1: Diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza fl-2021 ... 12
   - Fil-fokus 2: Impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza ... 12
   - Fil-fokus 3: Risponsi mill-pajjiżi tal-UE+ għal ħtiġijiet ġodda ta' protezzjoni taċ-ċittadini Afgani ... 13
   - 4.1. Aċċess għall-proċedura tal-ażil ... 13
   - 4.2. Sistema ta' Dublin ... 14
   - 4.3. Proċeduri speċjali biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ... 15
   - 4.4. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim'istanza ... 16
   - 4.5. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fit-tieni istanza jew f'istanza ogħla ... 18
   - 4.6. Kawżi pendenti ... 18
   - 4.7. Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali ... 19
   - 4.8. Detenzjoni matul il-proċedura tal-ażil ... 19
   - 4.10. Assistenza u rappreżentanza legali ... 21
   - 4.11. Servizzi ta' interpretazzjoni ... 21
   - 4.12. Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini ... 22
   - 4.13. L-apolidija fil-kuntest tal-ażil ... 22
   - 4.14. Kontenut tal-protezzjoni ... 22
   - 4.15. Ritorn ta' dawk li qabel kienu applikanti ... 23
   - 4.16. Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji ... 24

5. Tfal u persuni bi bżonnijiet speċjali fil-proċedura tal-ażil ... 24

Osservazzjonijiet finali ... 27

# Introduzzjoni

Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, ir-Rapport annwali dwar l-Ażil mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (pajjiżi tal-UE+).

Billi jibda b'ħarsa ġenerali qasira lejn ix-xejriet u s-suġġetti ewlenin tad-diskussjoni dwar l-ispostament furzat f'livell globali, ir-rapport jiffoka fuq il-kuntest tal-Ewropa. L-iżviluppi ewlenin huma ppreżentati fil-livelli tal-UE u nazzjonali, li jkopru l-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Il-ġurisprudenza magħżula hija ppreżentata biex turi kif il-qrati ffurmaw l-interpretazzjoni tal-liġijiet Ewropej u nazzjonali. Barra minn hekk, id-*data* statistika dwar l-indikaturi ewlenin tenfasizza x-xejriet fil-qasam tal-ażil fl-2021.

Il-pressjoni fil-fruntieri esterni tal-UE intensifikat fl-2021 bin-numru ta' wasliet li jirritornaw għal-livelli ta' qabel il-pandemija, anke fost il-miżuri kontinwi tal-COVID-19. Ix-xenarju politiku wassal għal żieda fil-wasliet mill-Afganistan, mill-Belarussja u, fil-bidu tal-2022, mill-Ukrajna. B'reazzjoni għal dan, il-pajjiżi tal-UE+ malajr adattaw għall-mewġ tal-wasliet billi ffaċilitaw il-proċess ta' preżentazzjoni għal applikazzjoni għall-ażil, irranġaw mill-ġdid il-postijiet ta' akkoljenza u rrikorrew għaċ-ċentri tal-wasla għal diversi passi tal-proċedura tal-ażil.

# 1.L-iżviluppi globali fil-qasam tal-ażil

L-avvenimenti fl-2021 u fil-bidu tal-2022 wasslu għall-ispostament ta' miljuni ta' persuni, u intensifikaw il-ħtiġijiet eżistenti għal soluzzjonijiet ta' protezzjoni mad-dinja kollha. Iż-żieda fil-poter tat-Taliban fl-Afganistan tat spinta lil ċikli ġodda ta' spostament fil-pajjiż u bejn il-fruntieri, f'reġjun fejn l-ispostament kien diġà okkorrenza komuni. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna ġiegħlet lil miljuni ta' persuni jitilqu minn djarhom u jfittxu rifuġju f'pajjiżi ġirien. U n-nies komplew jaħarbu mill-hotspots eżistenti ta' spostament fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fl-Etjopja, fil-Mozambique, fil-Myanmar, fis-Sudan t'Isfel, fis-Sirja, fir-reġjun tas-Saħel, fil-Venezwela u fil-Jemen.

Skont stimi mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), kien hemm aktar minn 84 miljun persuna spostata b'mod furzat mad-dinja kollha minn Ġunju 2021. Iċ-ċifra tinkludi 26.6 miljun refuġjat taħt il-mandat tal-UNHCR, 4.4 miljun applikant għall-ażil, 48 miljun persuna spostata internament u 3.9 miljun Venezwelan spostati barra mill-pajjiż.

F'sena li mmarkat is-70 anniversarju tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati bħala komponent fundamentali tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-komunità internazzjonali kompliet l-isforzi globali u reġjonali tagħha fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għal persuni fi bżonn ta' protezzjoni mad-dinja kollha. Inizjattiva ewlenija bbażata fuq il-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati hija l-Patt Globali dwar ir-Refuġjati, li għandu l-għan li jikseb soluzzjonijiet sostenibbli għas-sitwazzjoni tar-refuġjati. Skont l-umbrella ta' dan il-qafas, fl-2021 il-ħidma kompliet lejn: i) it-tnaqqis tal-pressjoni fuq il-pajjiżi ospitanti; ii) it-tisħiħ tal-awtodipendenza tar-refuġjati; iii) l-espansjoni tas-soluzzjonijiet f'pajjiżi terzi; u iv) l-appoġġ tal-kundizzjonijiet fil-pajjiżi ta' oriġini għal ritorni sikuri u dinjitużi tal-applikanti li huma miċħuda l-protezzjoni.

It-taħdita u l-ħidma dwar il-protezzjoni internazzjonali komplew jevolvu biex jakkomodaw il-ħtiġijiet emerġenti u s-suġġetti urġenti ta' rilevanza. Il-kwistjonijiet ewlenin li baqgħu fiċ-ċentru tal-attenzjoni fil-qasam tal-ażil fl-2021 kienu jinkludu:

- Il-bidla minn miżuri introdotti bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 għal metodi ta' ħidma sostenibbli li jinkorporaw prattiki ġodda u trasformazzjonijiet diġitali;
- Iż-żieda fl-isforzi għal soluzzjonijiet sostenibbli għal persuni fi bżonn ta' protezzjoni;
- Ir-rikonoxximent tal-ispostament ikkawżat mill-klima fid-dimensjonijiet sħaħ tiegħu u l-iżvilupp ta' risponsi effettivi għall-emerġenza klimatika li qed tikber;
- L-integrazzjoni ulterjuri tad-dimensjonijiet tal-ġeneru fil-fehim tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni u l-għoti ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni; u
- Filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet ta' persuni mingħajr stat fil-kuntest tal-ażil u l-interazzjoni bejn il-persuni mingħajr stat u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni.

# 2. Żviluppi maġġuri fl-ażil fl-Unjoni Ewropea



Fl-2021, sar progress u ttieħdu passi importanti fil-livelli tekniċi u politiċi lejn l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, filwaqt li għad irid jintlaħaq ftehim politiku ulterjuri dwar ċerti elementi ewlenin tal-Patt. Stadju importanti kien ir-Regolament (UE) 2021/2303 li daħal fis-seħħ f'Jannar 2022 biex jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), li ssostitwixxa l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) b'mandat estiż u msaħħaħ.

Sakemm isir progress leġiżlattiv ulterjuri fuq id-Direttiva proposta dwar ir-Ritorn, f'April 2021 il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel Strateġija tal-UE dwar ir-Ritorn Volontarju u r-Riintegrazzjoni, li tippromwovi dawn il-perkorsi bħala komponenti integrali ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Fl-2021 inkiseb ukoll progress f'oqsma oħra tal-ażil. F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-Istrateġija ta' Schengen, filwaqt li l-isforzi komplew fuq l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Bl-integrazzjoni bħala element essenzjali ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni bdiet fl-2021.

Filwaqt li ppreżentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għall-2021 u l-Konklużjonijiet Konġunti dwar l-Objettivi u l-Prijoritajiet tal-Politika għall-2020-2024, f'Diċembru 2020 il-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew iddikjaraw id-determinazzjoni tagħhom li jilħqu ftehim rigward il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, jiżguraw li l-migrazzjoni tiġi indirizzata b'mod komprensiv u jissalvagwardjaw li l-fruntieri esterni jiġu kkontrollati b'mod effettiv.

Fl-2021, il-fruntieri esterni tal-UE esperjenzaw żieda fil-pressjoni, bil-wasliet li żdiedu fuq il-livelli ta' qabel il-pandemija. In-numru ta' detezzjonijiet ta' qsim illegali tal-fruntieri fl-2021 kien ftit inqas minn 200,000, li kien l-ogħla numru mill-2017. Madankollu, abbażi tar-rapportar tal-Frontex, ġew innutati ċaqliq fin-numru ta' qsim bejn rotot migratorji differenti, b'xi wħud jesperjenzaw żidiet sinifikanti filwaqt li l-flussi baqgħu relattivament stabbli f'oħrajn meta mqabbla mal-2020.

Bħala riżultat ta' taqlib politiku intern fil-Belarussja u l-organizzazzjoni ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali sostnuta mill-reġim Belarussu, is-sejbiet fuq il-fruntieri tal-art tal-Lvant żdiedu b'aktar minn għaxar darbiet. Il-qsim tal-fruntieri irregolari mill-Belarussja ħolqu pressjoni konsiderevoli fuq l-Istati Membri l-aktar esposti, bl-UE tipprovdi kombinazzjoni ta' appoġġ finanzjarju, operattiv u diplomatiku b'mod rapidu biex tiġi indirizzata l-kriżi, inkluż Intervent Rapidu fil-Fruntieri mill-Frontex u l-forniment ta' appoġġ operattiv mill-EUAA.

F'Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pprovdew ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet meħuda b'rispons għas-sitwazzjoni fil-fruntieri tal-Lvant. Huma indirizzaw kif il-qafas attwali dwar il-migrazzjoni jista' jiġi adattat biex jipprovdi sett ta' għodod aktar permanenti għall-indirizzar tat-tentattivi ħalli tiġi destabbilizzata l-UE permezz tal-istrumentalizzazzjoni ta' migranti u refuġjati sostunta mill-Istat, filwaqt li jiġi żgurat aċċess għat-territorju, kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati u r-rieżami imparzjali tat-talbiet għall-ażil. Is-sett ta' għodod jinkludi taħlita ta' azzjonijiet, kemm barra l-UE kif ukoll ġewwa l-UE u fil-fruntieri.

Minbarra li appoġġjat lill-Istati Membri fil-fruntieri tal-Lvant, l-UE kompliet tassisti Stati Membri oħra l-aktar esposti billi tiffaċilita u tikkoordina r-rilokazzjonijiet volontarji lil Stati Membri oħra u billi tipprovdi appoġġ finanzjarju u operattiv għall-kapaċità ta' akkoljenza, għall-kondizzjonijiet tal-għajxien u għall-kura medika għar-refuġjati u l-migranti; taċċellera l-proċeduri tal-ażil; iżżid ir-ritorni; u ttejjeb il-protezzjoni tal-fruntieri.

Wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna fi Frar 2022, miljuni ta' persuni spostati fittxew rifuġju fl-UE permezz tal-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Dawn il-pajjiżi wrew rispons rapidu b'mod notevoli billi fetħu l-fruntieri tagħhom u ppermettew id-dħul fit-territorju tagħhom. Filwaqt li jiġi rifless l-impenn tal-UE li turi solidarjetà sħiħa mal-Ukrajna, fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni aġixxa fuq il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u adotta b'mod unanimu deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jintroduċi mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanju b'rispons għall-influss ta' persuni spostati. Id-deċiżjoni pprevediet ukoll għall-iżvilupp ta' Pjattaforma ta' Solidarjetà, skont il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, fejn l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tagħhom u n-numru ta' persuni li jirċievu protezzjoni temporanja fit-territorji tagħhom. L-EUAA ħadmet b'mod attiv fl-2022 biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjonijiet għall-protezzjoni temporanja fost il-pajjiżi tal-UE+.

In-Network tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni ħa ħsieb il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri, filwaqt li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat biex jattendi għall-ħtiġijiet tal-persuni spostati mill-Ukrajna u jirċievi kofinanzjament għat-twettiq ta' tali assistenza. L-aġenziji tal-UE, inklużi l-Frontex, l-EUAA u l-Europol, kienu pronti jipprovdu appoġġ operattiv lill-Istati Membri li talbu l-assistenza. Il-bicca l-kbira tal-fatturi fir-rispons tal-UE wrew li huma l-aħjar prattiki li għandhom jiġu implimentati fi kwalunkwe kriżi futura.

Matul l-2021, l-UE kompliet is-sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku tagħha. L-attivitajiet taħt id-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil indirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari; il-ġlieda kontra xbieki tal-kuntrabandu; il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorni u r-riammissjonijiet; il-ħidma mal-pajjiżi sħab lejn il-ġestjoni tal-fruntieri; u l-għoti ta' appoġġ għal soluzzjonijiet ta' protezzjoni f'partijiet oħra tad-dinja.

Barra minn hekk, saret enfasi kbira fuq il-ħtiġijiet ta' protezzjoni mġedda taċ-ċittadini Afgani wara ż-żieda fil-poter tat-Taliban. Billi l-Afganistan huwa prijorità għall-UE u l-akbar benefiċjarju tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE mill-2002, l-UE ħadmet biex tipprovdi rispons uniformi għall-kriżi. F'Awwissu 2021, il-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE, flimkien mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mal-Frontex, mal-Europol, mal-EUAA u mal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, adottaw dikjarazzjoni konġunta li tenfasizza li l-evakwazzjoni taċ-ċittadini tal-UE u, sa fejn ikun possibbli, iċ-ċittadini Afgani li kienu kkooperaw mal-UE u mal-Istati Membri tagħha u l-familji tagħhom kienu kwistjoni ta' prijorità.

F'Ottubru 2021, tħabbar Pakket ta' Appoġġ Afgan ta' EUR 1 biljun, flimkien mat-twassil ta' appoġġ umanitarju mmirat għall-ħtiġijiet bażiċi tal-poplu Afgan, imwassal lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fuq il-post u lill-pajjiżi ġirien. L-UE għandha l-Presidenza tal-Grupp Ristrett tal-Pjattaforma ta' Appoġġ għall-Istrateġija ta' Soluzzjoni għar-Refuġjati Afgani, li ssaħħaħ ir-rispons internazzjonali għas-sitwazzjoni fl-Afganistan u tistimula impenji politiċi, finanzjarji u materjali.

L-UE stabbiliet mekkaniżmu ddedikat biex tappoġġja l-evakwazzjoni ta' aktar minn 17,500 persuna minn Kabul, inklużi madwar 4,100 ċittadin tal-UE u 13,400 ċittadin Afgan. B'kollox, l-Istati Membri tal-UE evakwaw total ta' 22,000 Afgan.

Fir-rwol tagħha biex tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzati tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ħarġet aktar minn 20 sentenza u digriet. Din ġiet mitluba tinterpreta diversi dispożizzjonijiet tas-SEKA, li jkopru suġġetti relatati ma':

- aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil;
- il-proċedura ta' Dublin;
- applikazzjonijiet sussegwenti;
- l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' protezzjoni mill-istat;
- il-valutazzjoni tal-protezzjoni pprovduta mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA);
- l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' vjolenza indiskriminatorja għall-fini tal-għoti ta' protezzjoni sussidjarja;
- l-użu tad-detenzjoni;
- l-estensjoni tal-istatus ta' protezzjoni bħala dritt derivat (abbażi tal-istatus ta' protezzjoni ta' benefiċjarju ieħor);
- il-prinċipju ta' trattament indaqs; u
- ir-ritorn ta' applikanti għall-ażil miċħuda.

# 3. Tranżizzjoni tal-EASO għall-EUAA

Wara 10 snin ta' ħidma, l-EASO ġie ttrasformat fl-EUAA permezz tar-Regolament (UE) 2021/2303 dwar l-Istabbiliment ta' Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Jannar 2022. L-Aġenzija issa tista' toffri appoġġ operattiv u tekniku akbar biex tiżdied l-effiċjenza fis-sistemi tal-ażil; ittejjeb u taċċellera l-forniment ta' assistenza fuq talba tal-Istati Membri; tkompli tiżviluppa standards operattivi, indikaturi u linji gwida prattiċi biex tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet uniformi u ta' kwalità għolja f'każijiet ta' ażil; timmonitorja u tirrapporta aħjar dwar il-funzjonament tas-sistemi nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza; tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżi mhux tal-UE; u tappoġġja lill-pajjiżi tal-UE+ bi skemi ta' risistemazzjoni.

Qasam ewlieni ta' ħidma għall-EUAA huwa li jipprovdi assistenza operazzjonali u teknika lill-Istati Membri li jesperjenzaw pressjoni sproporzjonata fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom. Minn Mejju 2022, 10 Stati Membri se jirċievu appoġġ dirett mill-Aġenzija permezz ta' pjanijiet annwali jew pluriennali: Il-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija u Spanja. L-appoġġ operattiv għas-sistemi nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza fl-2021 kopra firxa ta' azzjonijiet li kienu mfassla għall-kuntest u l-ħtiġijiet speċifiċi f'kull pajjiż, inkluż appoġġ biex tiżdied il-kapaċità u l-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, jiġu rreġistrati u pproċessati l-applikazzjonijiet fl-ewwel u t-tieni istanza, jiġu appoġġjati r-rilokazzjonijiet u tiżdied il-kwalità u l-istandardizzazzjoni tal-proċedura ta' Dublin.

Fil-bidu tal-2022 twettqet evalwazzjoni ex post esterna trażversali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-appoġġ operattiv tal-Aġenzija ħalli jiġi infurmat it-teħid tad-deċiżjonijiet u jittejjeb il-qafas ta' appoġġ operattiv ġenerali. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni esterna kkonkludiet li l-appoġġ operattiv tal-Aġenzija matul l-2021 kien rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u flessibbli biex jadattaw għal kuntesti li qed jinbidlu b'mod rapidu.



# 4. Funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

L-iżviluppi ewlenin fl-2021 sawru l-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-prattiki nazzjonali fil-qasam tal-ażil fil-pajjiżi tal-UE+. Tliet temi orizzontali b'impatt fuq il-biċċa l-kbira tal-passi tal-proċedura tal-ażil kienu d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ażil, l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-ħtiġijiet il-ġodda ta' protezzjoni taċ-ċittadini Afgani wara l-iżviluppi fl-Afganistan.

## Fil-fokus 1: Diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza fl-2021

L-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil u l-akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+ komplew jiddiġitalizzaw il-proċessi. Il-pandemija tal-COVID-19 xprunat il-ħtieġa għal soluzzjonijiet teknoloġiċi biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju fost ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-tbegħid soċjali. Fi gradi differenti u abbażi ta' kuntesti nazzjonali, ġew introdotti l-innovazzjonijiet diġitali għall-awtoreġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet; l-intervisti mill-bogħod; l-għoti ta' informazzjoni; l-interpretazzjoni; il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI); it-taħriġ; is-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet; u s-simplifikazzjoni tal-flussi tax-xogħol.

Il-proċessi diġitalizzati x'aktarx li jiġu adattati abbażi ta' gwida mill-qrati internazzjonali, Ewropej u nazzjonali. Filwaqt li teknoloġiji ġodda jistgħu jiġu implimentati malajr, l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jieħdu kawtela peress li d-deċiżjonijiet tal-qorti jindikaw li hemm ħtieġa kontinwa għal skrutinju strett tal-kompatibbiltà tal-innovazzjonijiet diġitali mad-drittijiet fundamentali u mal-linji gwida dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

## Fil-fokus 2: Impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza

Mit-tifqigħa fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati komplew jaffettwaw b'mod qawwi s-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza globalment. Il-pajjiżi tal-UE+ kienu jużaw varjetà ta' metodi biex jiżguraw l-aċċess għall-protezzjoni u l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet ġodda u pendenti fost il-miżuri tas-saħħa pubblika li kellhom l-għan li jnaqqsu l-infezzjoni. L-aċċess għat-tilqim tal-COVID-19 u t-tnedija ta' kampanji nazzjonali ta' inokulazzjoni kienu fundamentali biex jiġi limitat in-numru ta' infezzjonijiet.

Bl-introduzzjoni gradwali tad-distribuzzjoni ta' vaċċini, ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 tnaqqsu iżda bosta arranġamenti li ġew introdotti biex tiġi mmitigata l-pandemija komplew matul l-2021. Dawn il-prattiki kienu jinkludu: l-użu ta' prodotti għad-diżinfezzjoni, it-tbegħid, il-barrieri plexiglass u l-maskri tal-wiċċ; il-forniment ta' servizzi f'sigħat li jvarvjaw u permezz ta' modalitajiet remoti; il-limitazzjonijiet fuq in-numru ta' persuni preżenti fil-bini tal-awtoritajiet fl-istess ħin; l-iskrinjar tas-saħħa regolari u l-ittestjar rapidu; il-miżuri ta' kwarantina; u rati massimi ta' okkupanza riveduti fl-akkoljenza. L-attvitajiet ta' risistemazzjoni reġgħu bdew, għal darb'oħra bl-użu ta' modalitajiet imħallta, inklużi missjonijiet ta' għażla mill-bogħod ibbażati fuq fajls, orjentazzjonijiet online ta' qabel it-tluq u l-verifiki tas-saħħa addizzjonali fl-arranġamenti tal-ivvjaġġar.

### Fil-fokus 3: Risponsi mill-pajjiżi tal-UE+ għal ħtiġijiet ġodda ta’ protezzjoni taċ-ċittadini Afgani

Id-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan fl-2021 ħoloq mewġ ta’ spostament għall-popolazzjoni ġenerali, minbarra żieda fir-riskji għal gruppi partikolari. Kunsiderazzjoni immedjata kienet li jiġi pprovdut aċċess rapidu għas-sikurezza, u għalhekk il-pajjiżi tal-UE+ organizzaw evakwazzjonijiet rapidi u pproċessar adattat tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-Afgani. Kampanji ta’ informazzjoni ddedikati ffukaw fuq l-għoti ta’ informazzjoni liċ-ċittadini Afgani dwar kwistjonijiet relatati mal-ażil.

Minħabba l-volatilità fil-pajjiż tal-oriġini u d-diffikultà għall-aċċess ta’ informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI) aġġornata, ħafna pajjiżi tal-UE+ issospendew l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet mill-Afgani kemm fl-ewwel u fit-tieni istanza, bl-eċċezzjoni ta’ każijiet li fihom il-ħtiġijiet ta’ protezzjoni kienu evidenti b’mod ċar. Saru wkoll sforzi biex il-familji Afgani jingħaqdu flimkien, filwaqt li saru arranġamenti speċjali għall-provvista ta’ kundizzjonijiet ta’ akkoljenza materjali u l-integrazzjoni ta’ nies evakwati Afgani. In-numru kbir ta’ każijiet pendenti minn ċittadini Afgani, kif ukoll l-istatus ta’ dawk li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni iżda li ma jistgħux jiġu rripatrijati, huma kwistjonijiet li għad iridu jiġu indirizzati u li jirrikjedu approċċi kostruttivi u realistiċi mill-pajjiżi tal-UE.

## 4.1. Aċċess għall-proċedura tal-ażil

Il-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE intensifikat fl-2021, bin-numru ta’ wasliet jerġa’ jitla’ għal-livelli prepandemiċi. Il-qsim illegali tal-fruntieri żdied, u l-pajjiżi tal-UE+ kellhom jimmaniġġjaw il-wasliet f’daqqa tal-massa u n-numri li dejjem qed jiżdiedu ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Fl-2021, il-pajjiżi tal-UE+ irċevew madwar 648,000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, li jirrappreżentaw żieda ta’ terz meta mqabbla mal-2020 u li jaqbel mal-livell tal-2018. Fl-ewwel ftit xhur tal-2021, il-livell tal-applikazzjonijiet baqa’ bejn wieħed u ieħor stabbli. Iżda f’madwar nofs is-sena, l-applikazzjonijiet bdew jiżdiedu u laħqu l-quċċata tagħhom f’żewġ livelli għolja fix-xahar f’Settembru u f’Novembru 2021.

Il-livelli għolja kienu fil-biċċa l-kbira r-riżultat ta’ aktar applikazzjonijiet mill-Afgani u mis-Sirjani, inklużi ħafna applikazzjonijiet ripetuti mill-Agfani. Is-Sirjani rrappreżentaw l-akbar grupp ta’ applikanti fl-2021, billi ressqu madwar 117,000 applikazzjoni fil-pajjiżi tal-UE+, segwiti minn Afgani li ressqu 102,000 applikazzjoni. Dawn iż-żewġ ċittadinanzi ġew segwiti b’distakk minn ċittadini tal-Iraq (30,000 applikazzjoni), tal-Pakistan u tat-Turkija (25,000 applikazzjoni kull wieħed), kif ukoll tal-Bangladesh (20,000 applikazzjoni).

Fir-rigward tal-pajjiżi riċevituri, il-Ġermanja rċeviet l-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet għall-ażil (191,000), segwita minn Franza (121,000), Spanja (65,000) u l-Italja (53,000).

Filwaqt li r-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 u r-rekwiżiti ta’ kwarantina kienu għadhom fis-seħħ, il-pajjiżi tal-UE+ irrispondew għaż-żieda fil-wasliet billi adattaw il-proċessi biex jiffaċilitaw it-twettiq, ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. Diversi pajjiżi rranġaw mill-ġdid postijiet ta’ akkoljenza u rriorganizzaw il-proċeduri tal-prim’istanza. Pajjiżi oħra komplew b’ċentri inizjali jew tal-wasla li fihom l-awtoritajiet tal-ażil u l-akkoljenza jaħdmu flimkien.

**Illustrazzjoni 1. Applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn pajjiż riċevitur tal-UE+, 2021**




*Sors:* Eurostat [migr_asyappctza] fit-22 ta' April 2022.

Madankollu, ġew irrapportati numri ta' inċidenti fil-fruntieri esterni tal-UE fejn id-dispożizzjonijiet tal-UE ma ġewx applikati f'waqthom u l-aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil ġie mdewwem jew miċħud. Il-QĠUE, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-qrati nazzjonali skrutinizzaw il-politiki u l-prattiki tal-pajjiżi tal-UE+, filwaqt li tennew l-importanza li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' *non-refoulement*.

## 4.2. Sistema ta' Dublin



Il-miżuri tal-COVID-19 komplew ikollhom impatt dirett fuq id-diversi passi tas-sistema ta' Dublin. Għalkemm in-numru ta' applikanti skont is-sistema ta' Dublin żdied matul l-2021, l-awtoritajiet nazzjonali komplew jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni tat-trasferimenti, bir-rekwiżiti tal-ittestjar tal-COVID-19 u n-nuqqas ta' titjiriet disponibbli jkunu l-aktar ostakli komuni. B'riżultat ta' dan, in-numru ta' trasferimenti implimentati baqa' ħafna inqas minn qabel il-pandemija.

Matul il-pandemija, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kienu ffaċċjati b'każijiet ta' Dublin li dejjem qed isiru aktar kumplessi u li kienu jirrikjedu aktar gwida u kjarifika. Il-QĠUE rċeviet numru kbir ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari dwar diversi aspetti tar-Regolament ta' Dublin III: l-applikazzjoni tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, ir-rimedji, il-limiti ta' żmien għat-trasferimenti u r-rabta ma' leġiżlazzjonijiet oħra tal-UE li huma barra mill-istrumenti legali tas-SEKA.

Skont id-*data* provviżorja li tiġi skambjata b'mod regolari bejn l-EUAA u 29 pajjiż tal-UE+, fl-2021 inħarġu 114,300 deċiżjoni b'rispons għat-talbiet ta' Dublin li jkunu saru. Dan kien jirrappreżenta żieda ta' għoxrin fil-mija meta mqabbel mal-2020, iżda t-total annwali baqa' taħt il-livelli prepandemiċi. Iż-żieda fid-deċiżjonijiet kienet f'konformità ma' aktar applikazzjonijiet għall-ażil li ġew ippreżentati fil-pajjiżi tal-UE+ madwar l-istess perjodu.

Fil-livell tal-pajjiż, il-Ġermanja u Franza komplew jirċievu l-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet b'rispons għat-talbiet tagħhom, li flimkien huma responsabbli għal aktar minn tlieta minn kull ħamsa tat-total tal-UE+. Bħal fis-snin preċedenti, l-Italja ħarġet il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ġenerali dwar it-talbiet ta' Dublin, segwita mill-Ġermanja u mill-Greċja.

Fl-2021, ir-rata ta' aċċettazzjoni għad-deċiżjonijiet b'rispons għat-talbiet ta' Dublin, li tkejjel il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li jaċċettaw ir-responsabbiltà (espliċitament jew impliċitament) għal applikazzjoni mid-deċiżjonijiet kollha maħruġa, kienet ta' 54 % (2 punti perċentwali aktar baxxa mill-2020), li turi tnaqqis kontinwu għar-raba' sena konsekuttiva fil-livell tal-UE+.

F'termini ta' trasferimenti li fil-fatt ġew implimentati, bħala riżultat ta' miżuri ta' emerġenza relatati mal-COVID-19, it-trasferimenti ta' Dublin naqsu għal livelli baxxi ħafna għat-tieni sena konsekuttiva: b'mod ġenerali, ġew implimentati f'madwar 13,500 trasferiment fl-2021, li kien simili għall-2020, iżda madwar nofs in-numru tal-2019.

L-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin III ġie invokat madwar 3,900 darba fl-2021, u naqas għat-tielet sena konsekuttiva għall-aktar livelli baxxi mill-2015. L-Artikolu 17(1) huwa klawżola diskrezzjonarja, li tippermetti lil Stat Membru jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, anke jekk tali eżami ma jkunx ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti fir-regolament.

## 4.3. Proċeduri speċjali biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni

Waqt l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jużaw proċeduri speċjali – bħal proċeduri aċċellerati, proċeduri fil-fruntieri jew proċeduri prijoritarji – filwaqt li jikkonformaw mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi stabbiliti fid-dritt tal-UE.

Fl-2021, diversi pajjiżi tal-UE+ introduċew prattiki ġodda, dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew emendi proposti biex ikomplu jissimplifikaw il-proċedura fil-fruntiera, jadattaw il-limiti ta' żmien jew jiddiġitalizzaw l-ipproċessar tal-każijiet. Il-qrati nazzjonali intervenew biex jivvalutaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u l-bidliet fil-proċedura fil-fruntiera, kif ukoll id-detenzjoni tal-applikanti għall-ażil fil-fruntiera, biex jiddeterminaw jekk humiex konformi mad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-ażil. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili wettqu proġetti ta' riċerka biex jesploraw modi ġodda ħalli jiffaċilitaw l-aċċess għall-protezzjoni fil-fruntiera permezz ta' prattiki flessibbli u sostenibbli.

Il-pajjiżi tal-UE+ irreżaminaw u aġġornaw ukoll il-listi tagħhom ta' pajjiżi ta' oriġini siguri, filwaqt li l-qrati nazzjonali vvalutaw l-applikazzjoni ta' dan il-kunċett f'diversi każijiet. Naturalment, xejra komuni kienet it-tneħħija tal-Ukrajna mil-lista ta' pajjiżi ta' oriġini siguri. L-applikazzjoni tal-kunċett tal-pajjiż terz sigur tqiegħdet ukoll taħt skrutinju mill-qrati nazzjonali, filwaqt li enfasizzat l-importanza ta' valutazzjoni individwali qabel ma l-applikanti jintbagħtu lura lejn pajjiżi terzi.

Fl-2021, il-pajjiżi tal-UE+ introduċew ukoll emendi għall-proċedura aċċellerata billi estendew il-kopertura tagħha għal ċerti kategoriji ta' applikanti jew billi biddlu l-limiti ta' żmien.

Permezz ta' bidliet leġiżlattivi u ta' politika u abbażi tas-sentenzi tal-qorti, l-awtoritajiet f'ħafna pajjiżi tal-UE+ ikkjarifikaw il-kriterji għal u l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' ammissibbiltà u applikazzjonijiet ripetuti jew sussegwenti. B'mod ġenerali, fl-2021, madwar 14 % jew 89,000 tal-applikazzjonijiet kollha kienu applikazzjonijiet ripetuti ppreżentati fl-istess pajjiż tal-

UE+, li huwa l-akbar numru mill-2008. Dan jirrappreżenta żieda b'aktar minn nofs mill-2020, meta kien hemm 57,000 applikazzjoni ripetuta.

Suġġett li kompla jiġbed attenzjoni fl-2021 kien il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li reġgħu ssottomettew applikazzjoni għall-ażil f'pajjiż ieħor tal-UE+ (imsejjaħ il-moviment sekondarju tal-benefiċjarji). Ċertu pajjiżi tal-UE+ raw żieda f'dan it-tip ta' moviment mhux awtorizzat matul dawn l-aħħar snin. Dan jinkludi persuni li ngħataw protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+, kisbu dokumenti tal-ivvjaġġar legalment, u mbagħad ivvjaġġaw lejn pajjiż ieħor tal-UE+ biex jerġgħu japplikaw għall-ażil, u b'hekk iżidu mal-volum ta' każijiet ta' sistemi nazzjonali tal-ażil. Filwaqt li nuqqas ta' *data* komprensiva jagħmilha diffiċli li wieħed jifhem bis-sħiħ l-ambitu ta' din ix-xejra, il-ġurisprudenza li dejjem qed tikber tissuġġerixxi li din l-okkorrenza qed issir aktar sinifikanti.

Wieħed mill-objettivi tal-Patt tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil huwa li dan jiġi indirizzat, pereżempju, billi jitħallew trasferimenti ta' benefiċjarji rikonoxxuti skont ir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jew permezz ta' traċċar aħjar ta' dan it-tip ta' moviment sekondarju skont il-proposta emendata li tirrevedi r-Regolament Eurodac. Sakemm jiġu adottati dawn il-proposti, il-pajjiżi tal-UE+ ħadu approċċi differenti, ħafna drabi billi pprijoritizzaw l-applikazzjonijiet addizzjonali u rrifjutawhom b'mod rapidu , permezz ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza modifikati u aktar stretti għall-applikanti jew billi introduċew projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Fi ftit każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu protezzjoni internazzjonali wara eżaminazzjoni individwali tal-fatti speċifiċi ta' każ.

## 4.4. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim'istanza

Fit-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri tas-saħħa relatati, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jorganizzaw intervisti mill-bogħod ma' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u pposponew l-intervista inizjali għal applikanti li wrew sintomi ta' infezzjoni bil-COVID-19. B'mod ġenerali, il-proċeduri remoti ma kinux aktar eċċezzjonali iżda pjuttost in-normal il-ġdid. Il-pajjiżi tal-UE+ għamlu sforz fl-iżviluppi ta' politika fit-tul, fit-titjib tal-kwalità tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza, fl-analizzar tal-kunsiderazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza, u fil-pubblikazzjoni tal-linji gwida għal ċerti profili ta' applikanti minn pajjiżi speċifiċi ta' oriġini li fihom is-sitwazzjoni kienet qed tevolvi b'mod kontinwu fl-2021.

Diversi pajjiżi bdew jirriorganizzaw is-servizzi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom jew lestew ir-ristrutturar tal-awtoritajiet tal-prim'istanza tagħhom bil-għan li jikkjarifikaw il-kompiti u d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-uffiċċji tagħhom u d-diversi ministeri oħra. Proposti leġiżlattivi ġew mibdija u leġiżlazzjoni ġdida daħlet fis-seħħ fl-2021 biex il-liġijiet nazzjonali jiġu allinjati aħjar mad-dispożizzjonijiet tas-SEKA, jiġu antiċipati żviluppi teknoloġiċi ġodda jew tittejjeb l-effiċjenza tal-proċedura tal-ażil matul l-emerġenzi.

Fl-2021, l-awtoritajiet determinanti tal-UE+ ħarġu madwar 535,000 deċiżjoni tal-prim'istanza, marġinalment aktar mill-2020 iżda bejn wieħed u ieħor konformi mal-livelli prepandemiċi. Bħala riżultat taż-żieda kostanti fl-applikazzjonijiet, sal-aħħar tal-2021 l-applikazzjonijiet ippreżentati fil-pajjiżi tal-UE+ kienu ħafna aktar numerużi mid-deċiżjonijiet tal-prim'istanza b'aktar minn 113,000. Għalhekk, wara treġġigħ momentarju fl-2020, in-numru ta' applikazzjonijiet reġa' qabeż id-deċiżjonijiet fl-2021.

# Profil tal-applikanti għall-ażil li jaslu fil-pajjiżi tal-UE+

Fl-2021, il-maġġoranza tal-applikanti għall-ażil fil-pajjiżi tal-UE + kienu rġiel, **u fl-2021 ammontaw** għal **70 %** tal-applikanti.

**½** l-applikanti kollha kellhom bejn **18-34 sena**.
29% kellhom inqas minn 18-il sena.

Iċ-ċittadini tas-**Syria** u tal-**Afghanistan** irrappreżentaw l-akbar gruppi applikanti, u ppreżentaw l-ogħla numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil mill-kriżi tar-refuġjati fl-2015–2016.

**Aktar minn 2/3 tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tal-prim' istanza ngħataw lill-applikanti rġiel**

31% ta' dawn l-irġiel u s-subien ingħataw protezzjoni internazzjonali, meta mqabbla mal-
41% tan-nisa u tal-bniet

*Sors: Data* mill-Eurostat fit-22 ta' April 2022.

**#AsylumReport2022**
**https://euaa.europa.eu/asylum-report-2022**

Tliet pajjiżi tal-UE+ flimkien ħarġu ftit inqas minn żewġ terzi tad-deċiżjonijiet kollha tal-prim'istanza: Franza (26 %), il-Ġermanja (25 %) u Spanja (13 %). L-Italja u l-Greċja segwew b'distakk, billi ħarġu 8 % u 7 % tad-deċiżjonijiet kollha, rispettivament. Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza fil-pajjiżi tal-UE+ inħarġu lil ċittadini tas-Sirja, tal-Afganistan, tal-Pakistan u tal-Kolombja.

Madwar 69,000 applikazzjoni ġew irtirati fil-pajjiżi tal-UE+, l-aktar mill-2017. Meta mqabbel mal-2020, dan kien jirrappreżenta żieda ta' 46%. In-numru ta' applikazzjonijiet irtirati fl-2021 kien jirrappreżenta 11% tan-numru ta' applikazzjonijiet ippreżentati.

Aktar minn kwart tal-applikazzjonijiet irtirati kienu minn ċittadini Afgani, li jammontaw għal aktar minn 18,000 applikazzjoni fl-2021 meta mqabbla ma' 5,000 fl-2020. Iċ-ċittadini tas-Sirja, tal-Pakistan, tat-Turkija, tal-Iraq, tal-Bangladesh u tat-Tuneżija (f'ordni dekrexxenti) irtiraw ukoll numru kbir ta' applikazzjonijiet.

Żewġ terzi tal-applikazzjonijiet kollha rtirati kienu impliċiti, jiġifieri li l-applikant kien ħarab u abbanduna l-proċedura. L-irtirar impliċitu jista' jservi bħala indikatur rappreżentattiv tal-bidu ta' movimenti sekondarji lejn pajjiżi oħra tal-UE+. B'mod konsistenti ma' din l-interpretazzjoni, iċ-ċifri fl-2021 jindikaw xejra ta' movimenti sekondarji minn pajjiżi tul ir-rotot tal-Balkani u fil-fruntieri esterni tal-UE.

## 4.5. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fit-tieni istanza jew f'istanza ogħla

Fl-2021, l-iżviluppi fit-tieni istanza jew f'istanzi ogħla kienu ffukati fuq l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-qrati u l-implimentazzjoni ta' bidliet fil-proċedura tal-appell, pereżempju għal-limiti ta' żmien għall-appell u l-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli. Ġew introdotti soluzzjonijiet ġodda biex jippermettu li d-dokumenti jiġu ssottomessi mill-bogħod, jorganizzaw seduti tal-qorti mill-bogħod u jużaw komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet tal-prim'istanza u l-qrati.

Saru arranġamenti speċjali għall-ipproċessar ta' ċerti profili ta' applikanti fl-istadju tal-appell, bħal għaċ-ċittadini mill-Afganistan, mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u mill-Etjopja. Fl-aħħar nett, il-qrati kostituzzjonali u supremi f'diversi pajjiżi tal-UE+ ikkjarifikaw ċerti aspetti li jaffettwaw id-dritt għal rimedju effettiv.

## 4.6. Kawżi pendenti

Fi tmiem l-2021, aktar minn 767,000 applikazzjoni kienu qed jistennew deċiżjoni fil-pajjiżi tal-UE+, simili għal sena qabel bi tnaqqis żgħir ta' 1%. Fl-ewwel xhur tal-2021, l-istokk ta' kawżi pendenti naqas gradwalment, iżda minn Awwissu 2021 żdied malajr u fi ftit xhur biss laħaq il-livell fi tmiem l-2020. Għalhekk, l-istokk ta' kawżi pendenti kien xorta ogħla milli fil-livell ta' qabel il-kriżi fl-2014, u dan żied il-pressjoni fuq is-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza.

Madwar terz (34%) tal-kawżi pendenti kollha komplew jistennew deċiżjoni fil-Ġermanja, b'total ta' 264,000 fajl miftuħ. Pajjiżi oħra tal-UE+ b'numru konsiderevoli ta' kawżi pendenti kienu jinkludu Franza (145,000), Spanja (104,000), l-Italja (52,000) u l-Greċja (38,000).

L-Afgani (103,000) u s-Sirjani (96,000) mhux biss komplew ikollhom l-aktar kawżi pendenti fil-pajjiżi tal-UE+ fi tmiem l-2021, iżda n-numri tagħhom żdiedu, b'10% u b'38%, rispettivament, meta mqabbla mal-2020.

## 4.7. Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali

Ir-riorganizzazzjoni u l-adattament tas-sistemi ta' akkoljenza baqgħu fuq quddiem nett fl-istrateġiji nazzjonali biex jiġu żgurati risponsi rapidi u suffiċjenti għall-bidliet fil-flussi migratorji. Fl-2021, l-awtoritajiet ta' akkoljenza kkomunikaw dejjem aktar mal-awtoritajiet lokali biex jindirizzaw flimkien xi wħud mill-isfidi relatati mal-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkoljenza ffukat fuq is-simplifikazzjoni tal-flussi tax-xogħol.

Minkejja dawn l-isforzi u biż-żieda sinifikanti fin-numru ta' applikanti fl-2021, is-sistemi ta' akkoljenza f'ħafna pajjiżi tal-UE+ kienu taħt pressjoni. F'ċertu każijiet, dan irriżulta f'rati għoljin ta' okkupanza fil-faċilitajiet u fis-servizzi li kellhom jiġu adattati malajr biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-applikanti kollha.

F'pajjiżi fejn il-pressjoni fuq is-sistemi ta' akkoljenza kienet diġà qed tinbena qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-wasliet il-ġodda wasslu għas-saturazzjoni tas-sistema. F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet ta' akkoljenza wieġbu billi fetħu postijiet ġodda, tipikament temporanji, filwaqt li eżaminaw soluzzjonijiet strutturali fit-tul, bħall-ħolqien ta' postijiet ta' akkomodazzjoni aktar permanenti u l-għajnuna lill-benefiċjarji rikonoxxuti tal-protezzjoni internazzjonali biex jiċċaqalqu aktar malajr mill-faċilitajiet ta' akkoljenza.

Il-kuntest persistenti tal-COVID-19 kompla jżid mal-isfidi eżistenti u ġodda, peress li r-rekwiżiti għat-tbegħid fiżiku, għall-kwarantina u għall-iżolament komplew jitolbu aktar spazju. Il-persunal tal-akkoljenza indirizza sitwazzjonijiet meta ġew irrapportati l-infezzjonijiet, u kien involut b'mod attiv fl-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tat-tilqim tal-COVID-19 għall-applikanti matul l-2021. Hekk kif ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 bdew jitnaqqsu, in-numru ta' attivitajiet ta' appoġġ fil-faċilitajiet ta' akkoljenza żdied fl-2021.

Il-kwalità tal-akkoljenza baqgħet tħassib ġenerali f'ħafna pajjiżi tal-UE+, peress li l-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew jirrapportaw dwar akkomodazzjoni u appoġġ inferjuri. Barra minn hekk, il-qrati ġew mitluba jiddeliberaw dwar l-adegwatezza tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza f'ċertu pajjiżi tal-UE+ fil-qafas tar-Regolament ta' Dublin III.

## 4.8. Detenzjoni matul il-proċedura tal-ażil

Fl-2021, in-nuqqasijiet fil-prattiki u fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, b'mod partikolari għall-applikanti b'vulnerabbiltajiet, ġew skrutinizzati minn organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u ġudizzjarji internazzjonali, Ewropej u nazzjonali, bħall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura (UN CAT), il-Kumitat tal-Ewropa għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), l-Ombudspersons nazzjonali, il-KEDB u l-qrati nazzjonali, minbarra l-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, baqgħu jiġu rrapportati nuqqasijiet sistemiċi u l-użu ta' detenzjoni u restrizzjonijiet arbitrarji matul influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Id-detenzjoni jista' jkollha implikazzjonijiet fuq il-proċedura tal-ażil f'termini ta' aċċess għall-proċedura, l-għoti ta' informazzjoni, l-intervista personali u l-perjodi ta' żmien applikabbli. Filwaqt li diversi pajjiżi tal-UE+ għamlu sforzi biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti f'dawn l-oqsma, ġie enfasizzat ukoll li l-limitazzjonijiet sistemiċi jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jiġi rrispettat bis-sħiħ id-dritt tal-applikanti għal-libertà u għas-sigurtà.

# Kapaċità ta' akkoljenza biex jiġu akkomodati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Biż-żieda sinifikanti fl-applikanti għall-ażil fl-2021, l-istrateġiji nazzjonali ffukaw fuq ir-riorganizzazzjoni u l-adattament tas-sistemi ta' akkoljenza. Il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw diversi miżuri biex itaffu l-pressjoni fuq sistemi saturati, bħal:

- Il-ftuħ ta' postijiet **ġodda ta' akkomodazzjoni**, spiss dawk temporanji
- Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali mgħejnuna għal **tranżizzjoni aktar rapida** mill-faċilità ta' akkoljenza għal akkomodazzjoni privata
- L-offerta ta' **taħriġ speċjalizzat** lill-persunal biex jidentifika u jassisti aħjar lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali
- Iż-żieda fin-numru ta' **attivitajiet ta' appoġġ**, b'mod partikolari biex titnaqqas il-vjolenza fl-akkomodazzjonijiet
- Iż-żieda **fin-numru ta' postijiet** għal minorenni mhux akkumpanjati u applikanti bi bżonnijiet speċjali
- L-eżaminazzjoni ta' **soluzzjonijiet strutturali** fit-tul

**#AsylumReport2022**
https://euaa.europa.eu/asylum-report-2022

euaa
EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM

## 4.9. Aċċess għall-informazzjoni

Il-pajjiżi tal-UE+ komplew itejbu l-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil permezz ta' innovazzjonijiet u titjib diġitali. Fl-2021, l-awtoritajiet nazzjonali ħadmu fuq applikazzjonijiet mobbli, portali online, hubs ta' informazzjoni, siti web aġġornati u karatteristiċi ġodda fuq pjattaformi ta' informazzjoni eżistenti biex jippermettu lill-applikanti jaċċessaw l-informazzjoni aktar malajr u b'mod aktar faċli. L-informazzjoni pprovduta permezz ta' dawn il-pjattaformi saret disponibbli wkoll f'diversi lingwi.

Ġie stabbilit l-għoti ta' informazzjoni immirata għal gruppi speċifiċi fil-bżonn ta' protezzjoni, pereżempju għal nies evakwati mill-Afganistan u persuni spostati mill-Ukrajna. Minbarra li pprovdew informazzjoni dwar il-proċedura tal-ażil, il-pajjiżi tal-UE+ infurmaw ukoll lill-applikanti u lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali dwar il-ħajja ta' kuljum fil-pajjiż ospitanti, id-drittijiet u l-obbligi, u s-servizzi disponibbli għalihom.

## 4.10. Assistenza u rappreżentanza legali

Il-lockdowns minħabba l-pandemija tal-COVID-19 komplew jaffettwaw l-għoti ta' assistenza legali fl-ażil u fi proċeduri relatati oħrajn fl-2021, inkluż matul ir-ritorn ta' applikanti preċedenti, ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-ħruġ ta' permessi ta' residenza wara r-rikonoxximent. Meta l-kuntatt personali bejn il-fornituri tal-għajnuna legali u l-klijenti ma kienx possibbli, il-konsultazzjonijiet ġew organizzati permezz ta' posta elettronika jew bit-telefown. Madankollu, il-forniment ta' servizzi mill-bogħod kien jinvolvi wkoll riskji għall-kwalità tas-servizzi u l-kunfidenzjalità. Dan għamel ukoll il-bini tal-fiduċja fi kwistjonijiet prattiċi aktar diffiċli u kkumplikati, bħall-kondiviżjoni tad-dokumenti bejn il-fornituri tal-għajnuna.

Ċertu pajjiżi tal-UE+ estendew l-għoti ta' assistenza legali jew adottaw linji gwida biex jiżguraw assistenza legali effettiva fil-prim'istanza, b'enfasi fuq ir-rwol tal-avukati matul l-intervista personali. L-emendi leġiżlattivi kkjarifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza legali, filwaqt li bidliet oħra kellhom l-għan li jallinjaw il-pagamenti mill-Istat mar-rappreżentanti legali.

Flimkien mad-diffikultajiet fl-aċċess għall-proċedura tal-ażil, ċertu applikanti kellhom nuqqas jew ma kellhomx biżżejjed informazzjoni u assistenza legali fil-fruntiera Ewropea. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qajmu tħassib dwar l-għajnuna legali għall-applikanti għall-ażil imqiegħda f'detenzjoni.

## 4.11. Servizzi ta' interpretazzjoni

Fl-2021, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jipprofessjonalizzaw il-forniment ta' interpretazzjoni billi introduċew proċessi biex jiżguraw il-kwalità tas-servizzi. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza preċedenti, il-pajjiżi tal-UE+ investew fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-interpretazzjonijiet.

Bħala riżultat taż-żieda fil-wasliet, ċertu pajjiżi skjeraw aktar interpreti biex ilaħħqu mad-domanda li dejjem qed tiżdied, inkluż permezz ta' ftehimiet ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali u kumpaniji privati b'għarfien espert rilevanti. Madankollu, il-kapaċità eżistenti f'ċertu pajjiżi tal-UE+ mhux dejjem kienet biżżejjed biex tiżgura forniment effettiv ta' interpretazzjoni, speċjalment għal ċerti profili ta' applikanti bi bżonnijiet speċjali u fi proċeduri tat-tieni istanza.

## 4.12. Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini

L-iżviluppi ewlenin fil-produzzjoni tas-COI fl-2021 kienu ffukati fuq it-titjib tal-metodoloġiji u l-flussi tal-produzzjoni, ir-reklutaġġ ta' aktar riċerkaturi tas-COI u l-produzzjoni ta' informazzjoni malajr biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-produzzjoni tas-COI kompliet tiffoka fuq l-aktar pajjiżi komuni ta' oriġini tal-applikanti għall-ażil fl-Ewropa, b'mod partikolari l-Afganistan, l-Iran, l-Iraq u s-Sirja.

L-isfidi rrapportati mis-soċjetà ċivili kienu jinkludu n-nuqqas ta' COI dwar kwistjonijiet relatati mad-diżabilità; mal-apolidija u mad-drittijet tan-nazzjonalità, mal-aċċessibbiltà limitata u mal-faċilità tal-użu ta' *databases* tas-COI; u n-nuqqas ta' informazzjoni multilingwistika, peress li l-materjal tal-COI huwa l-aktar disponibbli bl-Ingliż.

## 4.13. L-apolidija fil-kuntest tal-ażil

Fil-kuntest tal-ażil, l-apolidija tista' taffettwa l-proċess ta' determinazzjoni għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u s-salvagwardji proċedurali. Fl-2021, il-kwistjonijiet tal-apolidija kienu l-enfasi tal-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika f'diversi pajjiżi tal-UE+, li ħadu passi lejn l-indirizzar tal-apolidija, inkluż permezz tal-adeżjoni ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti, l-istabbiliment ta' proċeduri ddedikati għad-determinazzjoni tal-apolidija u l-iffaċilitar tal-aċċess għan-naturalizzazzjoni.

Madankollu, xi sfidi dehru li għadhom jippersistu, inkluż nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-apolidija fil-kuntest tal-ażil. Dan jista' joħloq inċertezza għall-applikanti dwar il-proċess u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u jista' jwassal għal identifikazzjoni u reġistrazzjoni mhux xierqa.

## 4.14. Kontenut tal-protezzjoni

Persuni li kisbu forma ta' protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+, jingħataw firxa ta' drittijiet u benefiċċji. Deċiżjoni pożittiva tista' tagħti status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja (imsejħa wkoll status armonizzati għall-UE). Ir-rata ta' rikonoxximent tirreferi għan-numru ta' eżiti pożittivi bħala perċentwal tan-numru totali ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Fl-2021, ir-rata ġenerali ta' rikonoxximent tal-UE+ għal deċiżjonijiet ta' prim'istanza dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil kienet ta' 34%. Dan ifisser li minn 535,000 deċiżjoni maħruġa, 182,000 kienu pożittivi, li taw lill-applikant status ta' rifuġjat jew inkella status ta' protezzjoni sussidjarja. Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet pożittivi fil-prim'istanza taw status ta' rifuġjat (118,000 jew 65% tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha) u l-protezzjoni sussidjarja ngħatat fl-64,000 każ li jifdal (35% tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha). Lil hinn mill-istatus regolati mill-UE, jekk l-awtorizzazzjonijiet ta' residenza għal raġunijiet umanitarji jiġu inklużi fil-kalkoli, ir-rata ġenerali ta' rikonoxximent tal-UE+ għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza fl-2021 tkun ta' 40%.

Il-firxa u l-kwalità tad-drittijiet u s-servizzi li jirċievu l-benefiċjarji tal-protezzjoni jiffurmaw il-prospetti tal-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-soċjetà ospitanti. L-2021 immarkat l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni mill-2021 sal-2027. Diversi Stati Membri aġġornaw l-istrateġiji ta' integrazzjoni tagħhom biex jaqblu mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE, u għalhekk l-isforzi fl-2021 ffukaw fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji l-ġodda. Bħala riżultat ta' dan, ħafna bidliet leġiżlattivi relatati mal-integrazzjoni daħlu fis-seħħ fl-2021 jew fil-bidu tal-2022.

Id-diskussjonijiet dwar il-forom nazzjonali ta' protezzjoni u dwar il-miżuri ta' regolarizzazzjoni sabu ruħhom fuq quddiem nett, parzjalment minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tal-COVID-19 u l-possibbiltà mnaqqsa li jiġu implimentati r-ritorni. Il-pajjiżi indirizzaw ukoll iż-żieda fl-użu tar-rieżamijiet tal-istatus tar-rağunijiet ta' waqfien u revoka fis-snin preċedenti. Il-kawżi ġew riferuti lill-qrati ta' spiss matul l-2021 biex jipprovdu gwida dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja.

In-numru ta' studji minn diversi partijiet ikkonċernati - l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituti tar-riċerka, il-gruppi ta' riflessjoni, l-akkademiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili – li jevalwaw l-effiċjenza u l-impatt tal-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni komplew jikbru, u r-rapporti pprovdew tagħrif utli biex ikomplu jittejbu l-approċċi ta' integrazzjoni. Filwaqt li l-ostakli prattiċi ppersistew f'ħafna aspetti tal-ħajja ta' kuljum għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali – spiss flimkien mal-awtoritajiet lokali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili – wettqu inizjattivi biex jegħlbu dawn l-isfidi, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni tat-tfal.

**Illustrazzjoni 2. Rati ta' rikonoxximent tal-prim'istanza fil-pajjiżi tal-UE+ skont in-nazzjonalità u l-istatus mogħtija, 2021**




**Nota:** Dawn l-20 nazzjonalità rċevew l-ogħla numru ta' deċiżjonijiet ta' prim'istanza maħruġa fl-2021 fil-pajjiżi tal-UE+.
*Sors:* Eurostat [migr_asydcfstq] mit-22 ta' April 2021.

## 4.15. Ritorn ta' dawk li qabel kienu applikanti

Wara li fl-2020 ġiet affettwata b'mod sinifikanti mir-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-implimentazzjoni tar-ritorni ta' applikanti għall-ażil miċħuda reġgħet bdiet fl-2021. Madankollu, ħafna pajjiżi ma laħqux il-livell ta' operazzjonijiet bħal qabel il-pandemija. Sabiex tiżdied l-effiċjenza fil-qasam tar-ritorni, ħafna pajjiżi introduċew bidliet legali u proċedurali biex joħolqu interkonnessjonijiet bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn. Dawn kienu jinkludu, pereżempju, konsulenza dwar ir-ritorn b'rabta ma' deċiżjoni negattiva dwar l-ażil u l-inkorporazzjoni ta' ordni ta' ritorn f'deċiżjoni negattiva dwar l-ażil.

Il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom biex itejbu r-ritorni volontarji permezz ta' sħubijiet, programmi ta' riintegrazzjoni u konsulenza ppersonalizzata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-pajjiżi użaw ukoll għodod appoġġjati mill-Frontex, bħall-Applikazzjoni tal-Frontex għar-Ritorn (FAR), biex itejbu l-implimentazzjoni tar-ritorn.

Il-QĠUE, il-QEDB u l-qrati nazzjonali eżaminaw numru ta' kawżi relatati mar-ritorn fl-2021 biex jiżguraw l-aderenza mal-garanziji proċedurali u mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi kawżi relatati mal-valutazzjoni xierqa tar-riskji individwali fil-każ ta' ritorn ta' persuna; il-kunsiderazzjoni xierqa tal-aħjar interessi tal-minuri qabel ma tiġi adottata deċiżjoni ta' ritorn, anke meta l-persuna li lilha tkun indirizzata dik id-deċiżjoni ma tkunx minorenni iżda l-ġenitur; il-ħlas ta' kumpens għall-ħsarat mġarrba minn applikanti għall-ażil miċħuda li jkunu ġew soġġetti għal trattament inuman u degradanti wara d-deportazzjoni; u s-sospensjoni tad-detenzjoni fin-nuqqas ta' prospett vijabbli għal ritorn.

### 4.16. Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji

Il-miżuri tal-COVID-19 matul l-2021 li għadhom għaddejjin bħalissa wasslu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jużaw għodod diġitali sabiex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom fil-qasam tar-risistemazzjoni, inklużi intervisti tal-għażla mill-bogħod u programmi ta' orjentazzjoni ta' qabel it-tluq u dawk kulturali. B'operazzjonijiet ta' risistemazzjoni mnaqqsa b'mod sever fl-2020, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ma kienux kapaċi jissodisfaw il-wegħdiet tagħhom għas-sena, u dan irriżulta f'riport għall-2021.

L-iżviluppi fl-Afganistan wasslu għal evakwazzjonijiet rapidi, li f'ċerti każijiet ġew implimentati permezz ta' programmi ta' risistemazzjoni. Twettqu wkoll diversi inizjattivi nazzjonali biex iċ-ċittadini Afgani jiġu riċevuti permezz ta' skemi ta' ammissjoni umanitarja.

Biex jiġu pprovduti perkorsi alternattivi siguri u legali għall-protezzjoni, ċerti pajjiżi tal-UE+ komplew jiżviluppaw il-programmi eżistenti ta' sponsorizzazzjoni tal-komunità tagħhom u joffru perkorsi edukattivi komplementari.

# 5. Tfal u persuni bi bżonnijiet speċjali fil-proċedura tal-ażil

Il-politiki u l-prattiki għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali ġew iffurmati minn oqfsa leġiżlattivi nazzjonali eżistenti u mill-profili speċifiċi ta' applikanti bi bżonnijiet speċjali li jaslu f'pajjiż.

Ċertu pajjiżi tal-UE+ iffukaw fuq it-titjib tal-identifikazzjoni u l-appoġġ għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali billi jiżviluppaw strateġiji nazzjonali, jikkoordinaw il-mekkaniżmi, itejbu l-proċessi ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u jkomplu jipprovdu firxa wiesgħa ta' taħriġ speċjalizzat. Pajjiżi oħra nedew inizjattivi ġodda jew komplew ma dawk eżistenti, b'enfasi fuq gruppi speċifiċi ta' applikanti. Pereżempju, il-linji gwida biex jiġu vvalutati l-każijiet ġew aġġornati u rfinati ħalli jiġi żgurat li t-talbiet relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, mal-mutilazzjoni u ċ-ċirkonċiżjoni ġenitali femminili (FGM/C), mal-orjentazzjoni sesswali u mal-identità tal-ġeneru, u mat-traffikar ta' bnedmin jitqiesu b'mod adegwat mill-uffiċjali tal-ażil. Barra minn hekk, taħriġ speċjalizzat għall-persunal kompla jgħammar lill-uffiċjali tal-każ bl-għarfien biex jidentifikaw u jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi b'mod rapidu u xieraq.

Ċerti sistemi ta' akkoljenza għal darb'oħra kienu ffaċċjati bl-isfida li jiġu appoġġjati b'mod adegwat applikanti bi bżonnijiet speċjali meta postijiet ta' akkoljenza speċjalizzati kienu limitati. Is-sejba ta' post għall-applikanti b'vulnerabbiltajiet kienet prijorità f'ħafna pajjiżi tal-UE+, iżda l-postijiet disponibbli ma kinux neċessarjament l-aktar xierqa għall-finijiet tal-akkomodazzjoni ta' ħtiġijiet speċjalizzati ta' akkoljenza.

L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ġiet adottata għall-2021-2030, u l-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-EUAA fil-qasam tal-ażil. B'mod partikolari, hija talbet li jiġi ffaċilitat it-taħriġ tal-uffiċjali ta' protezzjoni u tal-interpreti li huma f'kuntatt ma' applikanti bi bżonnijiet speċjali, inklużi persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, l-Istrateġija komprensiva l-ġdida tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal ġiet adottata fl-2021, b'kunsiderazzjonijiet speċifiċi dwar l-aċċess tat-tfal refuġjati għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa adegwata, kif ukoll il-ħtieġa tagħhom għal informazzjoni u gwida xierqa għall-età matul il-proċedura tal-ażil.

**Applikanti minorenni mhux akkumpanjati**

Fl-2021, tressqu madwar 23,600 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjati fil-pajjiżi tal-UE+,[1] l-aktar mill-2017. Is-sehem ta' minorenni mhux akkumpanjati fi ħdan l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali baqa' relattivament stabbli għal madwar 4%, u għalhekk iż-żieda fin-numru assolut tagħhom hija riflessjoni ta' aktar applikazzjonijiet għall-ażil li qed jiġu mressqa b'mod ġenerali, aktar milli ta' influss sproporzjonat ta' minorenni mhux akkumpanjati.

In-numru assolut ta' applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati mill-Afganistan (12,600) u mis-Sirja (3,900) kien l-ogħla mill-2016 u konsiderevolment ogħla minn kull waħda mill-4 snin preċedenti. F'termini relattivi, aktar minn nofs l-applikazzjonijiet kollha minn tfal mhux akkumpanjati ġew ippreżentati minn Afgani (53%), segwiti b'ċertu distakk mis-Sirjani (16%), mill-Bangladeshi (6%) u mis-Somali (5%), kollha b'xejriet li dejjem qed jiżdiedu meta mqabbla ma' dawn l-aħħar snin.

Madwar żewġ terzi tal-applikanti minorenni kollha mhux akkumpanjati kellhom bejn is-16 u s-17-il sena, u l-bniet kienu jirrappreżentaw biss 6% tal-minorenni kollha mhux akkumpanjati fil-pajjiżi tal-UE+.

L-influss ogħla ta' minorenni mhux akkumpanjati enfasizza lakuni li kienu jeżistu minn qabel fis-sistemi nazzjonali tal-ażil, inkluża l-ħatra ta' gwardjani, il-valutazzjoni tal-età ta' minorenni awtoproklamati, u li għandu qafas legali ċar biex jiżgura b'mod effettiv li l-aħjar interessi tat-tfal jitqiesu fil-kuntest tal-ażil. L-inklużjoni rapida tat-tfal fl-edukazzjoni ġenerali baqgħet sfida f'diversi pajjiżi. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-perspettivi futuri tagħhom bħala benefiċjarji rikonoxxuti tal-protezzjoni internazzjonali u fuq il-possibbiltà li jinkisbu tipi oħra ta' permessi relatati ma' studju jew xogħol, jekk l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom tiġi miċħuda.

[1] Id-*data* kienet nieqsa għal Franza, l-Litwanja u l-Portugall.

# Minorenni mhux akkumpanjati li jkunu qed ifittxu



**4 minn kull 100 applikant għall-ażil fil-pajjiżi tal-UE + huma tfal li jivvjaġġaw mingħajr ġenitur. Huma għamlu l-vjaġġ waħedhom biex ifittxu protezzjoni.**

B'**23,600 applikazzjoni**, l-2021 kellha l-ogħla numru ta' minorenni mhux akkumpanjati li kienu qed ifittxu rifuġju fil-pajjiżi tal-UE+ mill-2017.

**Applikazzjonijiet għall-ażil minn minorenni mhux akkumpanjati fil-pajjiżi tal-UE+, 2017-2021**




**2/3 tal-applikanti minorenni mhux akkumpanjati kollha kienu bejn 16 u 17 -il sena**

*Sors: Data* mill-Eurostat fit-22 ta' April 2022.

**#AsylumReport2022**

Kien hemm żieda qawwija fin-numru ta' applikazzjonijiet mit-tfal mill-Afganistan u mis-Sirja. Iż-żgħażagħ Afgani kienu jirrappreżentaw 53% tal-minorenni kollha mhux akkumpanjati, filwaqt li t-tfal Sirjani kienu jammontaw għall-16%.

**https://euaa.europa.eu/asylum-report-2022**

euaa EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM

# Osservazzjonijiet finali

Fl-2021, il-hotspots eżistenti u x-xejriet ġodda komplew iżidu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil fil-pajjiżi tal-UE+. Il-mobilità ħierġa miż-żoni ta' spostament eżistenti u ċirkostanzi ġodda ppreżentati fir-rapport, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, tqiesu bħala fatturi biex tiżdied il-pressjoni fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Il-pajjiżi tal-UE+ kellhom bżonn jimmaniġġjaw il-wasliet tal-massa u n-numru dejjem akbar ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, li żdiedu għal-livelli prepandemiċi. Fid-dawl ta' tali żviluppi, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jadattaw is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom, bl-użu ta' taħlita ta' soluzzjonijiet temporanji u fit-tul.

Hekk kif il-pandemija tal-COVID-19 daħlet fit-tieni sena tagħha, il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza kompla jiffaċċja sfidi. Madankollu, il-pajjiżi tal-UE+ kienu mħejjija aħjar fl-2021 u integraw soluzzjonijiet biex jegħlbu l-ostakli stabbiliti mill-pandemija u jiżguraw il-kontinwità tan-negozju. Dan sar possibbli, pereżempju, bid-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-proċeduri tal-ażil – xejra li bil-mod seħħet matul l-aħħar ftit snin, kisbet momentum akbar matul il-pandemija u ppersistiet fl-2021.

Wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna fil-bidu tal-2022, fi żmien qasir ħafna, il-pajjiżi tal-UE+ ntalbu jsibu soluzzjonijiet ta' protezzjoni rapidi u komprensivi għal madwar 5 miljun persuna li kienu qed jaħarbu mill-gwerra – kompitu ta' kobor bla preċedent f'dawn l-aħħar snin. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, għodda leġiżlattiva tal-UE diġà eżistenti, ipprovdiet il-qafas għal soluzzjoni sistemika u l-attivazzjoni tagħha wittiet it-triq biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-persuni li jaħarbu mill-Ukrajna b'mod uniformi u prevedibbli.

B'mod ġenerali, l-iżviluppi fl-2021 u fil-bidu tal-2022 urew l-importanza kbira li jkun hemm arkitettura ta' protezzjoni Ewropea funzjonali u multinazzjonali fis-seħħ – sistema li tipprovdi protezzjoni effettiva lil dawk fil-bżonn, filwaqt li tittratta lil dawk li ma għandhomx bżonn b'mod rispettuż u dinjituż. Dawn l-iżviluppi enfasizzaw ukoll premessa ewlenija fil-qalba tal-ażil: il-ħtieġa għall-protezzjoni hija ġġenerata u amplifikata mill-kriżijiet. Għalhekk, is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u l-pressjonijiet assoċjati ma għandhomx jitqiesu bħala eċċezzjonali iżda bħala r-realtà li sistema tal-ażil funzjonali hija mfassla biex tindirizza.

Il-kunflitt armat, il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, l-instabbiltà politika u l-ekosistemi kontinwament degradanti wasslu u se jkomplu jwasslu għal spostjar kbir madwar id-dinja. Huma meħtieġa sistemi flessibbli u tfassil ta' politika soda ibbażati fuq fatti affidabbli biex jiġu identifikati soluzzjonijiet kreattivi għal pressjoni akbar. Barra minn hekk, oqfsa leġiżlattivi u ta' politika komprensivi huma essenzjali biex jipprovdu l-pedament ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni spostati li jaslu fl-Ewropa, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tan-nies u l-prinċipju ta' *non-refoulement*.

Matul l-aħħar żewġ deċennji, bl-istabbiliment u l-evoluzzjoni tas-SEKA, l-Ewropa għamlet progress notevoli lejn l-iżvilupp ta' qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil. Ir-rispons rapidu Ewropew għall-kriżi fl-Ukrajna u l-għoti ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni saru possibbli minħabba li strument leġiżlattiv, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, kien faċilment disponibbli għall-użu, minkejja li qatt ma ġie attivat qabel.

Bla dubju hemm lok għal titjib f'numru ta' oqsma fil-qasam tal-ażil, inkluż aċċess effettiv għat-territorju u l-proċedura tal-ażil, kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà fost il-pajjiżi Ewropej, kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-implimentazzjoni tar-ritorn ta' persuni li ma jeħtiġux protezzjoni b'mod effiċjenti.

Hekk kif id-diskussjonijiet ikomplu dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u b'ġurisprudenza dejjem tikber mill-QĠUE u mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali biex jiġu żgurati l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretti tal-liġi Ewropea dwar l-ażil, is-SEKA se tiġi kkalibrata u mmodernizzata aktar biex twieġeb għax-xejriet migratorji li qed jevolvu u għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni assoċjati.

Ikkonsulta r-riżorsi addizzjonali kollha relatati mar-Rapport dwar l-Ażil 2022:
https://euaa.europa.eu/asylum-knowledge/asylum-report

# Rapport dwar l-Ażil 2022: Sommarju Eżekuttiv

Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, *ir-Rapport dwar l-Ażil 2022* jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-2021. Is-Sommarju Eżekuttiv jippreżenta verżjoni mqassra tar-rapport ewlieni.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) tiġbor informazzjoni dwar l-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, ir-rapport jiddeskrivi l-bidliet fil-politiki, fil-prattiki u fil-leġiżlazzjoni. Dan jippreżenta xejriet fl-ażil, indikaturi ewlenin għas-sena ta' referenza 2021, ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' Dublin li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal kawża u taqsima ddedikata dwar applikanti bi bżonnijiet speċjali, inklużi minorenni mhux akkumpanjati. Eżempji tal-ġurisprudenza jidhru li jinterpretaw il-liġijiet Ewropej u nazzjonali fil-kuntest *tal-acquis* tal-UE dwar l-ażil.

*Ir-Rapport dwar l-Ażil 2022* jibbaża fuq informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' sorsi – inklużi perspettivi mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-akkademja – biex jippreżenta stampa sħiħa u perspettivi diversi. Ir-rapport, li jkopri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021, iservi bħala referenza għall-aħħar żviluppi fil-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa.

BZ-AH-22-001-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM